**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Seduta mizmuma llum, 18 ta' April 2018**

**Rikors Numru: 16/2018 CSH**

**Fl-Atti tal-mandat ta' Sekwestru numru 1670/17 fl-ismijiet: Carmelo sive Charles Bianco ghan-nom tas-socjeta' Western Company Limited (C-19994)**

**vs**

**Jeremy James Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Jeremy James Camilleri pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Frar 2018 fejn espona:

1. *"Illi dan huwa rikors mressaq ai termini tal-Artikli 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li s-soċjeta' sekwestranti talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru numru* ***1670/17*** *kontra r-rikorrent sabiex tikkawtela s-somma ta' sitt elef tlett mija tlieta u sebgħin Ewro (€6,373) li qed tallega li huma dovuti lilha;*

2. *Illi kontestwalment mal-mandat ta' sekwestru odjern, is-soċjeta sekwestranti, għal xi raġuni flimkien ma' Carmelo Sive Charles Bianco (ID 44368M) f'ismu proprju, ippreżentaw rikors (Rik. Nru 252/17)* **fl-ismijiet Carmelo Sive Charles Bianco (ID 44368M) u Western Company Limited (C-19994) vs Jeremy James Camilleri** *li permezz tiegħu dawn qed jitolbu mir-rikorrent il-ħlas ta' prezz ta' vettura li nbiegħed lir-rikorrent il-fuq minn 15 il-sena ilu u li allura evidentement it-talba hija preskritta!;*
3. *Illi inoltre, permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrent qiegħed umilment iressaq talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti tikkuntanna lis-soċjeta sekwestranti tħallas dawk il-penali li jidhrilha xieraq lil din l-Onorabbli Qorti li timponi ai termini tal-Artikli 836(8)(b), (c) u/jew (d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll id-danni li jirriżultaw li ġew sofferti mill-esponent kaġun tal-mandat ta' sekwestru odjern ai termini tal-Artikoli 836(9) tal-istess Kap. 12, apparti talba wkoll ai termini tal-Artiklu 838° tal-Kap. 12 sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha toħroġ kull ordni opportun sabiex is-soċjeta' sekwestranti tagħti garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta flimkien ma' danni u imgħax, minħabba l-frivolita' u vessatorjeta' ovvja tal-mandat de quo, u fin-nuqqas li tagħmel dan, il-mandat għandu jitneħħa;*
4. *Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:*
    a. *Ir-rikorrent daħal f'kuntratt ta' biegħ ta' vettura tat-tip Mazda 323F bin-numru ta' reġistrazzjoni WLD-323 mas-soċjeta' sekwestranti rappreżentata mis-sur Carmelo Bianco fis-6 t'Awissu 2003 (ara kuntratt ta' biegħ anness u mmarkat bħala "***Dok A***") b'kundizzjoni, pero', illi kellhom isiru mis-soċjeta behjjiegħa u mis-sur Carmelo Bianco perosnalment, tiswijiet varji sabiex jittranġaw diversi nuqqasijiet li kellha l-vettura u li r-rikorrent kien ġibdilhom l-atenzjoni għalihom mill-ewwel;*
    b. *Carmelo Bianco f'ismu propju kif ukoll in rappreżentanza tas-soċjeta Western Company Ltd (C-19994), u ċioe s-soċjeta sekwestranti fil-*

*mandat odjern, baqgħu inadempjenti fl-obbligu assunt minnhom meta nbiegħet il-vettura lir-rikorrent u t-tiswijiet qatt ma saru, jew ma sarux kif kien miftiehem – fl-aħħar mill-aħħar, il-problemi baqgħu jippersistu u iktar minn hekk ir-rikorrent kien spiċċa b'windscreen imxaqqaq ukoll li s-sur Carmelo Bianco kien ukoll obbliga ruħu li jibdilha;*

c. *In vista tal-inadempjenza – u speċjalment tal-fatt li s-sur Carmelo Bianco beda jevita lir-rikorrent għall kollox u jaħrablu - ir-rikorrent intavola rikors (**Avviz numru 16/2005MF**) fejn talab lill-Onorabbli Qorti diversament preseduta tiddikjara illi s-sur Carmelo Bianco f'ismu propju kif ukoll in rappreżentanza tas-soċjeta Western Company Ltd (C-19994) baqgħu inadempjenti u tikkundannhom jew min minnhom jagħmlu tajjeb għall-ħsarat li kellha l-vettura u li kienu obbligaw ruħhom li jsewwu;*

d. *B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Novembru 2015, il-Qorti laqtgħet it-talbiet tar-rikorrent u ordnat lill-konveunti f'dik il-kawża, u ċioe s-sur Carmelo Bianco f'ismu propju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' sekwestranti Western Company Limited, sabiex iħallsu lir-rikorrent is-somma ta' elfejn seba' mija sitta u sittin Euro u tlieta u ħamsin ċentezmu (€2766.53) bl-ispejjeż, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti fil-każ imsemmi;*

e. *l-intimati appellaw iżda anki permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-30 ta' Gunju 2017 (**Appell Numru: 164/2005**), l-Onorrabli Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Prim Istanza u ċaħdet l-appell tal-intimati f'dik il-kawża, u ċioe s-sur Carmelo Bianco f'ismu propju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' sekwestranti Western Company Limited;*

f. *In vista tas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), ir-rikorrent intavola mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru **1541/17** li ġie maħruġ fis-16 ta' Awissu 2017;*

g. *Sussegwentement, permezz ta' ċedola ta' depozitu bin*-numru *1559/2017, APS Bank Limited [C 2192], bħala sekwestratrju, ddepozita s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf Euro (EUR 27,000.000) sabiex jiġi* sodisfatt il-kreditu, *filwaqt li s-soċjeta sekwestranti kif ukoll Carmelo Bianco, permezz ta' ċedola ta' depożity bin*-numru *1653/17 innifsu ddepożita s-somma ta' ħames telef tlett mija u erbgħin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (Eur5340.71) flimkien mas-somma ta' mitejn u erbgħin Ewro (EUR240) rappreżentanti spejjez u drittijiet professjonali tal-mandat eżekuttiv bin*-numru **1541/17** *ppreżenntat mill*-esponenti;
h. *Illi in vista tad*-depozitu, *ir-rikorrent ipprezenta rikors ta' żbank tal-kreditu dovut lilu (hawn anness u mmarkat bħala "***Dok B***") ;*

5. *Illi għalhekk huwa evidenti illi s-soċjeta' sekwestranti qiegħdha abbużivament tinqeda bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern sabiex treġġa lura kwistjoni li diġa għaddiet mill*-*proċess ġudizzjarju u liema vertanza diġa ġiet deċiża permezz tas-sentenzi hawn fuq ċitati. Il-proċedura tal*-*mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma tistax tintuża sabiex iġġib fix*-*xejn sentenzi finali pronunzjati kemm fl*-*ewwel istanza (***Rik. Nru 164/2005 MLF***) kif ukoll ikkonfermat fl-appell (***Rik.Nru. 164/05***). Fil-fatt huwa evidenti li t-talba għall-ħruġ tal*-*mandat ta' sekwestru kawtelatorju* odjern *huwa intenzjonat sabiex jġib fix-xejn l-istitut tal*-*mandati eżekuttivi u saħansitra huwa legalment irregolari tant illi joħloq preċedent riskjuz fejn debitur jipprova jwarrab titolu eżekuttiv permezz ta' proċedura ġdida sussegwenti bħala tattika korrettiva mill*-*kontro-parti;*
6. *Illi in oltre, is-somma mitluba mis-soċjeta' sekwestranti hija ta' sitt elef, tlett mija u tlieta u sebgħin Ewro (€6,373) fl*-*ewwel lok, mhijiex dovuta, u fit-tieni lok hija kompletament arbitrarja stante li l-prezz tal-vettura msemmija kien ta' LM2,000 denominati fil*-*munita Lira Maltija, li minnhom minnhom LM300 kienu ġew imħallsa dak in*-*nhar tal*-*kuntratt hekk kif irriżulta mill-kuntratt innifsu (hawn anness u mmarkat bħala "***Dok.A***") biex b'hekk, u mingħajr preġudizzju għas*-*suespost, il-prezz tal*-*vettura*

*allegatament dovut u l-bażi tal-pretenzjoni tagħhom huwa ferm inqas mis-somma hekk mitluba fil-mandat de quo u għalhekk, ai termini tal-Artikolu 836(1)(d), l-ammont mitlub huwa eċċessiv;*

7. *Illi dan tant hu minnu illi r-rikors ippreżentat kontestwalment mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern huwa mressaq mhux biss mis-soċjeta sekwestranti, iżda ukoll flimkien mas-sur Carmelo sive Charles Bianco f'ismu propju u dan minkejja il-fatt illi, suppost s-somma mitluba mis-soċjeta sekwestranti hija intenzjonata sabiex tikkawtela l-azzjoni tagħha biss, biex b'hekk għal dak li jirrigwarda s-soċjeta sekwestranti, u dan mingħajr preġudizzju għas-suespost u għal dak li jsegwi, l-ammont mitlub huwa eċċessiv;*
8. *Illi dan ukoll juri kemm il-mandat ta' sekwestru intalab b'mod abbużiv purament sabiex is-somma li s-soċjeta sekwestranti kienet taf li, f'xi ħin jew ieħor, kienet ser tkun kostretta tiddepożita l-Qorti in seguitu għad-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell. Tiġi kontrobilanċjata b'somma oħra mitluba mis-soċjeta sekwestranti;*
9. *Illi ukoll f'kwalunkwe kaz, u dan minghajr preġudizzju għas-suespost u għall-eċċezzjonijiet oħra li nġiebu mir-rikorrent fit-tweġiba għar-rikors intavolat mis-soċjeta' ntimata sekwestranti (**Numru: 252/17** li ġie ippreżentat kontestwalment mal-mandat ta' sekwestru odjern), huwa evidenti li t-talba tas-soċjeta sekwestranti hija preskritta għall-aħħar – anki fuq bażi prima facie – u dan ai termini tal-Artiklu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili (Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta) stante li l-vettura in kwistjoni inbiegħet lill-esponenti 'l-fuq minn **15 il-sena ilu!**;*
10. *Illi ukoll, lanqas ma nġiebet evidenza sabiex jinħareġ il-mandat odjern biex b'hekk f'dan l-istadju – fuq bażi prima facie – ma jikkonkorrux "iċ-ċirkostanzi" raġonevoli illi jippermettu lil dina l-Onorabbli Qorti żżomm dan il-mandat fis-seħħ ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

11. *Illi għalhekk in vista tas-suespost, huwa evidenti li r-rikors għall-ħrug tal-mandat ta' sekwestru odjern kien wieħed abbużiv u malizzjuz għall-aħħar, frivolu u vessatorju, nieqes minn kull rekwiżit skont il-liġi, u bbażat fuq talba li hija preskritta bil-mgħodija ta' mill-inqas 15 il-sena, bir-riżultat li s-soċjeta' esponenti ħolqot sitwazzjoni ta' preġudizzju enormi għar-rikorrenti sal-punt illi m'huwiex f'qagħda illi jkollu l-ebda aċċess għall-kontijiet bankarji tiegħu u għalhekk fil-kuntest fattwali, huwa ċar illi m'hemmx neċessita jew ġustifikzzjoni sabiex dan il-mandat jibqa' fis-seħħ;*

*GĦALDAQSTANT, in vista tas-suespost, ir-rikorrent umilment jitlob illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna t-tħassir u r-revoka contrario imperio tal-mandat ta' sekwestru (kawtelatorju) numru 1670/17 fl-ismijiet premessi u dan ai termini tal-Artikoli 836(1) (d) u/jew (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
2. *Tordna li s-soċjeta sekwestranti tħallas dawk il-penali li jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti li timponi ai termini tal-Artikolu 836(8)(b), (c) u/jew (d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll id-danni li jirriżultaw li ġew sofferti mir-rikorrenti kaġun tal-mandat ta' sekwestru odjern ai termini tal-Artikolu 836(9) tal-istess Kap. 12, u dan bla ħsara għal kwalunkwe proċeduri oħra li jista' jieħu r-rikorrent sabiex jirkupra d-danni sofferti minnu kaġun tal-mandat ta' sekwestru odjern li ġie maħruġ fuq talba tas-soċjeta ntimata sekwestranti; u*
3. *Fin-nuqqas illi tilqa' l-ewwel talba hawn fuq magħmula, tordna lis-soċjeta ntimata sekwestranti tiddepożita fir-Reġistru tal-Qorti entro terminu prefiss minnha ammont ekwivalenti għall-ammont mitlub mis-soċjeta sekwestranti fuq il-mandat ta' sekwestru de quo, jew ammont ieħor li jidhrilha xieraq li tordna din l-Onorabbli Qorti, sabiex tagħmel tajjeb ghall-penali, danni u interessi, u fin-nuqqas li jsir tali depożitu, tordna t-tħassir u r-revoka ta' dan il-mandat ta' sekwestru, u dan ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta intimata sekwestranti."*

Rat ir-risposta ta' Carmelo sive Charles Bianco li giet prezentata fit-12 ta' Frar 2018 fejn eccepixxa s-segwenti:

*"Illi preliminarjament in-nullita' tar-rikors odjern ghaliex ir-rikors sar fl-atti tal-mandat meta, stante li lhemm kawza pendenti, kellu jigi intavolat fl-atti tal-kawza. L-artikolu 836 tal-Kap. 12 fil-parti relevanti tieghu jghid hekk:*

*"Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, <u>jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża"</u>*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-intimat ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ukoll ghas-segwenti ragunijiet:*

*Illi fl-ewwel lok, dak li trid tistharreg din l-Onorabbli Qorti, kif irrizulta car mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna, hu, jekk fit-talba tar-rikorrenti ghll-ottjeniment tal-hrug tal-mandat, huma kienux qed jinvokaw dritt prima facie u jekk l-ammont li ghalih intalab is-sekwestru hux kommensurat mad-dritt pretiz kawtelat. L-ezami pero' irid ikun biss wiehed prima facie. Hemm numru ta' sentenzi li fil-fatt stabbiliew illi f'ezami ta' dan it-tip ta' rikors il-Qorti ma tistax tidhol fil-mertu tal-kawza ghaliex tkun effettivament qieghda tiddeciedi l-kawza qabel ma tkun semghat l-istess.*

*Illi in effetti ssir referenza ghad-digriet li inghata fl-atti tar-Rikors ghar-revoka ta' hrug ta' Mandat ta' sekwestru fl-ismijiet**<u>, Emanuel Balzan vs Francelle</u>***

***Agius***[1]*, fejn il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***Camilleri vs Gove et*** *rreteniet illi:*

*"Mid-dispozizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza propja bejn il-partjiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratt dejjem ta' procedura preliminary u li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

*Illi ssir referenza wkoll f'dan il-kuntest ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Associated Supplies Ltd vs. Joseph Mizzi***[2]*, il-Qorti qalet hekk:*

*"Il-Qorti tibda biex ittenni l-principju li jirregola procedure ta' din ix-xorta, u coe' li l-iskrutinju li jehtieg li jsir minn din il-Qorti f'dan l-istadju huwa essenzjalment wiehed fuq livell ta' prima facie. Il-mertu jigi mistharreg u evalwat fil-kawza bejn il-partijiet. Dan ifisser illi f'dawn il-proceduri, il-Qorti ma tkun bl-ebda mod qed tippronunzja ruhha fuq fatti u fehmiet dwar il-vertenza, kemm jekk tigi milqugha t-talba odjerna, kemm jekk tigi michuda."*

*Illi in oltre', din il-Qorti f'sentenza fl-ismijiet Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 879/12 fl-ismijiet (Sekwestrant)* ***L-Avukat Adrian Delia detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 299369(M) bhala Mandatarju specjali ta' Giovanni Sidoti ta' Nazzjonalita Taljana, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru AS0368168 vs (Sekwestrat) European Insurance Group Limited (C35708)***[3]*, filwaqt illi ghamlet referenza ghall-gurisprudenza ohra, qalek hekk:*

[1] Rikors Numru 101/15. Deciza mill-Qorti fis-sittax (16) ta' Frar, 2015
[2] Deciza fis-6 ta' Frar 2013; Rikors Numru 1006/2012
[3] Deciza fl-4 ta' Frar 2013; Rikors Numru 1125/2012

*"Illi meta ssir applikazzjoni abbazi tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 l-analizi taghmel il-Qorti ghandha tkun ristretta ghal wahda prima facie;*

*Illi dan il-principju gie msahhah mill-gurisprudenza nostrana; Illi fis-sentenza bl-ismijiet* **Emanuel Sammut et. v. Josephine Sammut** *datata 5 ta' Gunju 2003, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk: Mid-depozizzjoni tal-artikolu 8366 tal-Kap. 12 (thassir ta' Mandat Kawtelatorju) jidher li l-unika ezami li trid taghmel il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hem limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprija. Dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellu pretenzjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li l-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza",*

*Illi fis-sentenza* **Av. Carmelo Castelli noe. v. Focal Maritime Services et.** *datata s-sitta u ghoxrin (26) ta' April 2002, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:*

*"Skond l-Artikolu 836(d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, Mandat kawtelatorju jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv, jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wiehed prima facie u l-Qorti m'ghandhiex tidhol fi kwistjonijiet li jirrigwardjaw il-mertu tal-kawza bhal jekk is-sekwestrat huwiex legittimu kontradittur tas-sekwestrant;"*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet* **Visa Investments Ltd. v. Blye Engineering Co. Ltd** *datat s-sebgha (7) ta' Frar 2001 inghad ukoll hekk:*

*"L-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet.*
*Illi l-punti jekk hijiex is-socjeta' rikorrenti li ghandha thallas tal-istess, jekk tapplikax il-preskirzzjoni… jolqtu il-mertu tad-difiza tas-socjeta' rikorrenti fil-kawza proprja, u ghalhekk ghandhom jigu trattati u deciza propju fil-kawza nnifisha, u mhux fil-kuntest ta' rikors ghar-revoka ta' Mandat Kawtelatorju, ghaliex altrimenti wiehed necessarjament ikun irid jidhol fil-mertu tal-kawza stess, u dan imur oltre l-gudizzju prima facie li l-Qorti hija tenuta li taddotta;*
*Illi l-esponent jissottometti illi, kif jidher mill-argumenti imressqa fir-rikors tas-sekwestrata, l-istudju li s-socjeta' sekwestrata qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti taghmel imur oltre minn analizi prima facie;"*

*Illi ghalhekk fid-dawl ta' din il-gurisprudenza citata, jekk wiehed ihares lejn ir-rikors odjern wiehed mil-ewwel jinduna illi s-sottomissjonijiet hemm kontenuti huma kollha fil-mertu u dak illi r-rikorrent effettivament qieghed jitlob huwa illi din il-Qorti tiddeciedi dwar il-pretenzjonijiet tal-atturi qabel ma tiddeciedi l-kawza fil-mertu.*

*Illi in effetti jrid jigu enfasizzat illi s-sottomissjonijiet tar-rikorrent Camilleri fir-rikors tieghu huma prattikament jerga' jqajjem l-eccezzjonijiet tieghu fil-mertu tal-kawza – preskrizzjoni u rez judicata. Jekk dan ir-rikors jigi deciz din il-Qorti ser tkun esprimiet ruhha fuq il-gudizzju finali tal-kawza wkoll.*

*Illi pero minghajr pregudizzju u fil-mertu, ghandu jinghad qabel xejn illi l-esponent jesprimi sorpriz ghall-kontenut tal-paragrafu 10 tar-rikors promotur fejn ir-rikorrent jilmenta illi ma ngabitx evidenza biex inhareg il-mandat ta'*

*sekwestru. L-esponent m'hemmx ghalfejn jissottoleneja illi l-ligi ma tirrikjedix prova biex jinhareg mandat ghaliex altrementi, kif qed jigi suggerit mir-rikorrent, jkollok duplicita' ta' proceduri, proceduri fuq il-mandat u proceduri dwar il-kawza per se fejn jinstemghu il-provi fit-tnejn.*

*Illi fil-fatt huwa dak li qed jipprova jaghmel ir-rikorrent. Qieghed jirrepeti l-provi li huma pertinenti ghall-kawza biex jipprova jottjeni r-revoka tal-mandat odjern.*

*Illi l-esponent, ghar-ragunijiet fuq spjegati, m'ghandux ghalfejn jidhol fil-mertu pero huwa utli li jaghmel sottomissjoni wahda biss. Li gara kien illi r-rikorrent kien ipproceda kontra l-esponent b'kawza ghad-danni peress illi skont hu l-vettura minnu mibjugha kellha hsarat u gie kanonizzat kreditur fis-somma ta' ftit iktar minn €8,000 inkluz l-ispejjez tal-kawza u imghax. L-esponent pero kien ghadu ma thallasx il-prezz ta' din il-vettura. Fil-fatt fil-kawza li dan il-mandat qieghed jikkawtela qed jintalab €6,373 sorte (prezz tal-vettura) u €-6,627.92 imgħax. It-total huwa ta' €13,000.92. Qabel ma beda l-proceduri l-esponent intbaghtet proposta lir-rikorrent Camilleri sabiex issir tpacija bejn id-danni li ghandu jiehu u l-prezz tal-vettura li ghandu jhallas pero, nonostante li huwa konsapevoli tal-fatt illi ser jispicca jiehu danni ta' vettura li qatt ma hallas, baqa' jippersisti li jithallas minghand ma jhallas. Dan pero r-rikorrent konvenjentement naqas illi jsemmieh fir-rikors tieghu.*

*Illi li ghamel l-esponent kien illi ddeposita s-somma ta' €8,000 u ppresenta sekwestru anke f'idejn ir-registratur tal-Qorti. Ir-rikorrent Camilleri pero rnexxielu jizbankhom u konsegwentement m'ghandux x'jilmenta f'dan l-istadju.*

*Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent konvenut ghandha tigi michuda bl-ispejjez."*

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018 l-avukati difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti processwali fir-rigward ta' provi.

Semghet lill-istess avukati difensuri jittrattaw dan ir-rikors u jitolbu lil din il-Qorti tghaddi ghad-digriet finali taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar l-fatti tar-rikors jidher li hemm qbil u cioe' li r-rikorrenti kien xtara vettura tal-ghamla Mazda 323F bin-numru ta' Registrazzjoni WLD 323 minghand l-intimat u dan ghal prezz pattwit u miftiehem ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) u dan fis-6 ta' Awwissu 2008.

Jidher li fil-gurnata tal-akkwist ir-rikorrenti kien hallas *deposit* u cioe' parti mill-prezz fl-ammont ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) u li ghalhekk kien baqa' bilanc ta' elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700).

Illi l-intimat qed jghid li r-rikorrenti ma hallasx dan il-bilanc minkejja dan it-tul ta' zmien u li r-rikorrenti ma tax kaz l-interpellanzi tal-intimat u kien ghalhekk illi huwa pprezenta il-mandat ta' Sekwestu Kawtelatorju tieghu fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Bianco et vs Jeremy James Camilleri,** Mandat ta' Sekwestru Numru 1670/17.

Illi r-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti tirrevoka dan il-mandat *contrario imperio* u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-mandat huwa wiehed frivolu u vessatorju tant li anke qed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas penali ghall-hrug ta' dan il-mandat u jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti minnu b'tali hrug. Ir-rikorrent jemmen li l-intimat talab il-hrug ta' dan il-Mandat b'mod vessatorju proprju ghaliex kien gie kanonizat debitur tar-rikorrent permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fir-rigward tal-vettura

mertu ta' dan ir-rikors nhar it-30 ta' Gunju 2017 (Appell Numru 164/2005) u dan fl-ammont ta' elfejn seba' mija, sitta u sittin ewro u tlieta u hamsin centesmu (€2,766.53) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

In oltre ir-rikorrent qed isostni li t-talba tal-intimat mhix dovuta ghaliex il-prezz tal-vettura li kien bilancjali kien fl-ammont ta' elf u seba' mitt Lira Maltin (Lm1,700) u mhux dak indikat fil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1670/17 u ghalhekk il-kawzali tal-Mandat hija inveritiera.

Minn naha l-ohra l-intimat fl-ewwel lok qed isostni li r-rikors promotur huwa null ghaliex ir-rikors promotur kellu jigi intavolat fil-kawza li qed tinstema' quddiem din l-istess Qorti u mhux fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1670/17 u dan skond dak li jiddisponi l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 u fit-tieni lok li din l-Qorti ghandha tara li l-intimat ghandu biss raguni valida *prima facie* ghall-hrug tal-Mandat u m'ghandhiex tidhol *in funditus* fil-mertu tal-kwistjoni u ghal dan il-ghan iccita diversi sentenzi sabiex jissostanzja it-tezi tieghu.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Ikkunsidrat illi doveruz ghal din il-Qorti tenfasizza li fil-konsiderazzjoni ta' rikorsi ta' din ix-xorti, il-Qorti, minbarra li hi marbuta mal-parametri li jimponi l-istess rikorrent permezz tar-rikors tieghu u kif imfissra fih, hija tenuta li tezamina l-jedd tal-pretiz kreditur biss sa dak li jidher mad-daqqa t'ghajn b'dana illi l-iskrutinju profond jibqa' rizervat ghall-kawza fejn ikun qed jigu ezaminati l-istess pretensjonijiet.

Il-Qorti ittenni l-principju li jirregola proceduri ta' din ix-xorta, u cioe' li l-iskrutinju li jehtieg li jsir minn din il-Qorti f'dan l-istadju huwa essenzjalment wiehed kif stqarr l-intimat stess fir-risposta tieghu fuq livell ta' prima facie. Il-mertu jigi mistharreg u evalwat fil-kawza bejn il-partijiet.

Dan ifisser illi f'dawn il-proceduri, il-Qorti ma tkun bl-ebda mod qed tippronunzja ruhha fuq fatti u fehmiet dwar il-vertenza, kemm jekk tigi milqugha t-talba odjerna, kemm jekk tigi michuda.

L-intimat qed issotni in linea preliminari li r-rikors huwa null minhabba dak li jiddisponi l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 u cioe' li dan ir-rikors kellu jigi intavolat fl-atti tal-kawza li hemm pendenti bejn il-partijiet quddiem din l-istess Qorti u mhux fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru.

Il-Qorti taghmel riferenza ghad-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imhallef Dr. A. Magri ta' nhar it-2 ta' Ottubru, 2000 fl-ismijiet **<u>'Kashmiri Palace Limited et vs Carmen Taliana'</u>**. Minn dan id-digriet jidher bic-car illi: "Il-*qrati taghna jridu illi galadarba illi jkun hemm Qorti li qieghdha tisma' u tiehu konjizzjoni ta' mertu ta' kawza jekk ssir procedura ai termini ta' l-Artikolu 836 din ghandha ssir fl-atti tac-citazzjoni ta' dik il-kawza u mhux fl-atti tal-mandat"*

Huwa veru li l-imsemmi **Artikolu 836** jaghmilha cara li r-rikors ghandu jsir lill-Qorti li tkun harget l-att kawtelatorju jew inkella jekk tkun saret il-kawza jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun qed tittratta dik il-kawza. Jidher car li l-Qorti f'dan il-kaz dejjem hija l-Qorti tal-Magistrati preseduta minn din l-istess Magistrat sedenti. Id-distinzjoni li qed taghmel il-ligi hija riferibbli aktar ghall-gudikant li jippresjedi dik il-Qorti f'dak il-kaz partikolari,b'mod li normalment ir-rikors imur ghand il-gudikant li jkun qed jiehu hsieb l-atti f'dak il-perjodu u sakemm ma tkunx giet prezentata kawza normalment jisma' wkoll xi rikors ghar-revoka, izda li wara li tkun giet intavolata kawza u assenjata, rikors ghar-revoka jmur quddiem l-istess Qorti tal-Magistrati izda kif presjeduta minn dak l-Magistrat li jkun qed jisma' l-kawza.

Illi f'materja ta' nullita' tal-atti – kwestjoni meqjusa bħala waħda odjuża għal finijiet ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja – kull nullita' għandha titqies dejjem bħala l-eċċezzjoni u mhux ir-regola. In-nullita' tal-atti hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bla ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[4]. Att ġudizzjarju għandu jitqies null biss għal raġunijiet gravi u serji fil-limiti tad-dispożizzjonijiet espressi tal-liġi.

Fuq kollox, il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u mhumiex maħsuba biex joħolqu ħtiġijiet purament formali li jservu biss biex jagħtu lil xi waħda mill-partijiet f'kawża mezz biex teħles mill-obbligi tagħha jew biex tirbaħ il-ħin. Kull partikolarita' li l-liġi trid li tkun "essenzjali" f'att ġudizzjarju trid tkun tali li n-nuqqas tagħha jxekkel serjament u irrimedjabilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tal-liġi proċedurali hawn imsemmija[5];

Pero' imkien ma hemm fil-kodici li jekk ir-rikors isir fl-atti tal-mandat u mhux tal-kawza ir-rikors ikun null u ghalhekk tali eccezzjoni qed tigi michuda.

Ikkunsidrat ulterjorment illi permezz ta' din il-procedura, ir-rikorrenti qed jitlob lill-Qorti thassar mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront tieghu minn Carmelo sive Charles Bianco ghan-nom tas-socjeta' Western Company Ltd (C – 19994) in kawtela ta' pretensjoni tieghu minnu dedotta f'kawza pendenti quddiem din il-Qorti.

Ir-rikorrenti qed jinvoka fil-kuntest il-provvedimenti tal-ligi kontenuti fl-**Art. 836(1)(f) u 836(1)(d).**

[4] App. Ċiv. 4.11.1991 fil-kawża fl-ismijiet Vella vs Ċefai (Kollez. Vol: LXXV.ii.467)

[5] P.A. GCD 31.10.2008 fil-kawża fl-ismijiet Vella et vs Medserv Operations Limited

**L-Art. 836(1)(f)** testwalment jipprovdi illi:

"(f) *Jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*"

L-**Art. 836(1)(d)** li jipprovdi ghal tali thassir:

"(d) *Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew eccessiv.*"

Jinghad in linea ta' principju illi kif sostniet il-Qorti fil-provvediment "**Farrugia vs Exalco Holdings**" (deciz fis-6 ta' Dicembru 1999):

"*Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li l-intimata ezekutanti ghandhiex bazi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha mahluf fil-mandat.*

*Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bhala wiehed "eccessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiz u l-ammont mahsub li jhares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u c-cirkostanzi tal-kaz ma jistghux izewgu ma' xulxin.*"

Il-Qorti taghmel refernza ukoll ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **Vincent Merċieca vs George Galea** deciza fid-29 ta Novembru 2001 fejn gie imfisser li:

*"Il-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies ittħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimata eżekutanti għandhiex bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti."*

Dan premess, il-Qorti, wara li rat il-kawzali tal-mandat ssib li l-ammont kawtelat, huwa prima facie eccessiv tenut kont tal-bilanc li semmai jista' jkun dovut fuq l-vettura u cioe' l-elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700) - l-ammont li semmai huwa is-sors tad-dizgwid bejn il-partijiet.

Ghalhekk, il-Qorti hawnhekk ma tqisx li l-intimat sekwestrant ghandu ragun jitlob l-hrug tal-Mandat kawtelatorju u jindika bhala sorte l-ammont ta' sitt elef, tlett mija u tlieta u sebghin ewro (€6,373) u dan ghaliex bhala sorte zgur li prima facie dak l-ammont mhux dovut anke in vista tal-kuntratt esebit fl-atti u li dwaru ma hemmx kontestazzjoni fir-rigward tal-ammont li gie imhallas bhala deposit meta r-rikorrent xtara il-vettura minghand l-intimat.

Ir-rikorrent qieghed jitlob ukoll l-imposizzjoni ta' penali a tenur tal-**Art. 836(8)(b)** li jipprovdi ghal tali imposizzjoni ta' penali:

"(b) *Jekk fit-talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi*

*mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta' bizzejjed."*

Fis-sentenza fl-ismijiet "**Jamar Malta Ltd vs Office Group Ltd**", deciza mill-Imhallef Joseph R. Micallef fl-10 ta' Awwissu 2012, il-Qorti ghamlitha cara illi:

*"Dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta.*

*L-erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi, iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali.*

*Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż.*

*Illi, fil-fehma tal-Qorti, l-fatt waħdu li ma tkunx ingħatat raġuni tajba mill-parti eżekutata għat-tħassir tal-Mandat maħruġ kontra tagħha ma jfissirx li, jekk kemm-il darba tikkonkorri xi waħda mill-erba' ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu*

*836(8) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-Qorti m'għandhiex tilqa' t-talba tal-istess eżekutata għall-kundanna tal-parti eżekutanti għall-ħlas tal-penali."*

Fil-kuntest, l-intimat odjern sekwestrant gab prova ta' xi forma ta' interpellazzjoni li wasslitu biex jikkawtela l-jedd tieghu wara li interpella lis-sekwestrat biex jersaq ghall-allegat hlas tal-bilanc dovut lilu u ghalhekk it-talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ma harigx b'mod vessatorju kif sostna ir-rikorrent ghalkemm jidher li l-ammont mitlub minnu bhala sorte mhux dovut.

Ir-rikorrenti odjern qed jitlob ukoll lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas id-danni sofferti minnu a tenur tal-Art. 838 (9). Il-Qorti tirritjeni fil-kuntest illi kull mandat jikkrea inkonvenjent fuq min jintlaqat bih. L-ezistenza tal-mandat fiha nnifisha m'hijiex bizzejjed bhala gustifikazzjoni ghall-imposizzjoni ta' garanzija (ara f'dan is-sens "**Caruana vs Gaerty**", deciza mill-Imhallef T. Mallia fl-4 ta' Ottubru 2002).

Kif irriteniet il-Qorti fil-kawza "**Spiteri vs Darmanin**" (deciza mill-Imhallef Joseph R. Micallef fil-25 ta' Awwissu 2010):

*"Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mill-iġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni minħabba l-istess Mandat.*"

Hawnhekk ukoll, bhal f'dak il-kaz, il-Qorti ma ssibx raguni sabiex tilqa' it-talba rikorrenti sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas xi danni lir-rikorrent in segwitu ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1670/17.

Bhal ma ntqal fil-kawza "**Blye Engineering Co. Ltd vs Paolo Bonnici Limited"** (deciza fis-7 ta' Lulju 2004):

*"Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li l-ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabilita' ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibbli mil-ligi. Ghalhekk gie deciz li min jiftah kawza u jitlifha ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b'mod vessatorju (ara "**Farrugia vs Sammut**, Kollez. Vol. XXVIII.I.223; u Barbara vs Fleri" Kollez. Vol. XXVIII.695). Huwa biss meta persuna tagixxi kapriccjosament jew mala fede, li hija tista tkun responsabbli ghad-danni li jsegwi l-agir irresponsabbli taghha.*"

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u cioe' li qed thassar u tirrevoka contrario imperio l-Mandat ta' Sekwestru (kawtelatorju) numru 1670/17 fl-ismijiet premessi; tichad it-tieni talba sabiex timponi fuq is-sekwestrant intimat penali u konsegwentement, tichad it-tielet talba.**

**L-ispejjez ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**<br>**Magistrat**

**Graziella Attard**<br>**Deputat REgistratur**